**26 ta' Frar, 1965.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Carmelo Sarreo

*versus*

George Camilleri ne.

**Periti Ġudizzjarji — Nuqqas ta' Notifika ta'.**

*Id-disposizzjonijiet ta' proċedura intiża biex l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun kemm jista jkun spedita u biex jiġi evitati dewmien u spejjeż bla bżonn għandhom jiġu osservati.*

*Każ fejn il-parti ma nnotifikatx lill-perit li kien ġie nominat mill-Qorti.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li biħ l-attur — wara li ppremetta illi fti żmien ilu huwa xtara mingħand id-ditta konvenuta refrigerator li ġiet garantita in forza taċ-ċertifikat dokument "A"; u li dina r-refrigerator żviluppat difetti li hu ma kienx jaf bihom għax kieku ma kienx jakkwista l-istess; u li inutilment id-ditta konvenuta pprovat issewwi dawn id-difetti għaliex żviluppaw oħrajn — talab li l-Qorti, għar-raġunijiet premessi, tirrisolvi l-vendita tar-refrigerator in kwistjoni u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut nomine jirrifondi lill-attur is-somma ta' tlieta u disgħin

lira u għaxar xelini (£93.10.0), prezz minnu mħallas għall-istess "Fridge"; fil-każ li l-Qorti jidhrilha li ma hemmx lok għar-risoluzzjoni tal-vendita in kwistjoni tikkundanna lill-konvenut li fi żmien qasir u perentorju huwa jsewwi u jġib dina r-refrigerator fi stat tajjeb għall-użu tagħha. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi l-ewwel talba għar-risoluzjoni tal-bejgħ hija *nfondata fil-liġi, peress li skond il-garanzija (Dok. A)* esibita maċ-ċitazzjoni l-attur irrinunzja għal kwalunkwe azzjoni li ttih il-liġi u derivanti mill-garanzija għad-difetti li ma jidhrux u, konsegwentement l-uniku dritt li l-attur jista' jkollu, f'każ eventwali ta' difett, hu li jitlob riparazzjoni jew 're-placement' tal-parti difettusa.

Bla preġudizzju ta' l-ewwel eċċezzjoni l-attur ma jistax jeżerċita l-azzjoni redibitorja jew estimatorja peress li għadda aktar min xahar minn mindu d-difett avvera ruħu.

Illi dwar it-tieni talba għall-kundanna għar-riparazzjoni, dejjem bla preġudizzju tal-eċċezzjoni li huwa ddekada mid-dritt li jeżerċita l-azzjoni in kwistjoni, l-eċċipjenti jiddikjara li huwa dejjem wera ruħu pront li jsewwi l-ħsara "by replacement or repair" għat-termini tal-garanzija u kien l-aġir ta' l-attur li mpedixxa dan, kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk l-eċċipjenti jipprotesta ruħu kontra l-ispejjeż tal-presenti ċitazzjoni. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tas-sitta ta' Diċembru, 1963 li bih ġie nominat perit legali Joseph Attard biex jgħarraf lill-Qorti x'tiswijiet hemm bżonn li jsiru fir-refrigerator in kwistjoni u għalhekk jirrelata fuq il-fondatezza tad-domanda tal-attur wara li jkun ħa in konsiderazzjoni l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

Rat id-digriet ta' l-istess Qorti tal-erbgħa u għoxrin ta' April, 1964 li bih Lawrence Ciantar ġie sostitwit għal Joseph Attard.

Rat id-diversi verbali li minnhom jirriżulta li nonostanti ripetuti differimenti l-attur qatt ma ħa ħsieb jinnotifika lill-perit bid-digriet tan-nomina tiegħu u fil-fatt il-proċess qatt ma ġie ritirat mill-perit u qatt ma sar xejn fil-kors ta' sena u seba' xhur.

Rat is-sentenza ta' l-istess Qorti tal-ħmistax ta' Diċembru, 1964 li biha ċaħdet it-talba bl-ispejjeż kontra l-attur wara li kkunsidrat illi x-xhieda mogħtija mill-attur quddiem din il-Qorti ma hijiex biżżejjed biex tissostanzja t-talba tiegħu u ebda prova oħra ma ġieb l-attur, fil-waqt li skond i-artikolu 670 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-Qorti tista' tiddeċiedi l-kawża indipendentement mill-perizja meta bħal każ presenti ħadd mill-partijiet ma jkun ħa ħsieb jinnotifika lill-perit legali bid-digriet tan-nomina tiegħu.

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata u t-talba tiegħu tiġi milqugħa jew, jekk hu l-każ, il-proċess jiġi rinvijat lill-ewwel Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Rat l-atti tal-kawża, semgħet lill-Dr. Joseph Cassar Galea li talab li jixhed, semgħet lill-istess Dottor Cassar Galea bħala avukat ta' l-attur u kkunsidrat:—

Il-Qorti ma jidhriliex li għandha tiddisturba l-konklużżjoni raġġunta mill-ewwel Onorabbli Qorti. Ankorke kien veru illi Dottor Cassar Galea diversi drabi nforma lill-Inġinier Ciantar bin-nomina tiegħu bħala perit espert fil-kawża — kif Dottor Cassar Galea xehed li għamel — jibqa' l-fatt

illi, wara li presumibilment l-ewwel Onorabbli Qorti ġiet informata b'dak, fid-disgħa ta' Ottubru, 1964, il-Qorti ddefferiet il-kawża **biex issir in-notifika regolari.**

Fl-għoxrin ta' Ottubru, 1964 Dr. Cassar Galea informa lil dik il-Qorti illi "attwalment l-expert kien imsiefer imma dalwaqt jirritorna" u l-kawża baqgħet għall-erbgħa u għoxrin ta' Novembru għar-rapport.

B'dana kollu sa din l-aħħar data n-notifika regolari baqgħet ma saretx. Il-Qorti allura ħalliet il-kawża għat-tlieta ta' Diċembru, 1964 "biex l-attur jieħu ħsieb jinnotifika lill-perit tekniku bid-digriet tan-nomina "u rriżervat li dak inhar il-Qorti tapplika d-disposizzjoni tal-liġi tal-Proċedura jekk ma tkunx saret dik in-notifika regolari stante li m'hemmx ostakolu għal din in-notifika billi l-Qorti kienet informata li l-espert kien irritorna minn barra."

Anqas din l-ordni, bl-avvertiment ċar li kien hemm fih ma ttieħed kont tiegħu.

Għalhekk fit-tlieta ta' Diċembru, 1964 il-Qorti, billi ma kienetx saret in-notifika kif l-attur kien obbligat li jagħmel, ħalliet il-kawża għall-ħmistax ta' dak ix-xahar għas-sentenza. Intant anqas sa dik inhar ma ttieħed ebda pass biex l-ordni tal-Qorti u l-liġi jiġu osservati.

Skond l-artikolu 670 (1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, l-Qorti tista' tiddeċiedi l-kawża mingħajr il-perizzja.

> "meta ebda waħda mill-partijiet, fiż-żmien ta' tmint'ijiem mid-digriet tal-ħatra tal-periti, ma teżegwix l-obbligu skond l-artikolu 656."

L-obbligu impost b'dan l-aħħar artikolu hu preċiżament dak tan-notifika tad-digriet tan-nomina lill-perit nominat.

Kif intwera, hawn fuq, fil-każ preżenti mhux biss għaddew dawk it-tmint ijiem preskritti mil-liġi iżda għaddew ix-xhur u baqgħet l-inosservanza nonostanti r-ripetuti rikjami tal-Qorti u l-'warning' mogħti lill-attur.

Il-Qorti tħoss li ma tistax ma tosservax illi r-responsabilita u l-obbligu ta' l-osservanza ta' disposizzjonijiet u ordnijiet ta' din ix-xorta huma ta' l-Avukat u l-Prokuratur Legali fil-kawża. Jekk anqas f'dan ma jgħin il-Prokuratur Legali, m'hux ċar kif jista' jkun ġustifikat id-dritt li jitħallas lilu.

Il-Qorti tixtieq ukoll tgħid illi tikkunsidrah obbligu preċiż u solenni tagħha li mhux tiskoraġġixxi imma pożitivament li tinkoraġġixxi kull inizjativa meħuda fil-limiti u komformement mal-liġi mill-Qrati ta' prim'istanza biex jiġu osservati aħjar id-disposizzjonijiet intiżi biex l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun kemm jista' jkun spedita u biex jiġu evitati dewmien u spejjeż bla bżonn.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant.